MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 100/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Bonello talli fit-28 ta' Settembru 2007 gewwa l-fond Quenchers, Triq San Gorg, San Giljan (licenza P/N/38/95) bi ksur ta' l-artikolu 43(1)(b) ta' l-Att ta' l-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitolu 409 skond artikolu [*recte:* regolament] 16 ta' l-Avviz Legali 175 ta' l-2004 (Regolamenti ta' 2004 dwar Stabbilimenti li Jipprovdu L-Ikel) naqas milli jhares xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun soggetta l-licenza, meta biegh jew ippermetta l-bejgh ta' alcohol jew xorb mhux alkoholiku biex jigi kkunsmat mhux fil-post.

Dan ukoll bi ksur tar-regolamenti 2 u 25 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.09 (Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Licenzi, Bon Ordni u Dicenza Pubblika).

Il-prosekuzzjoni talbet illi jekk l-imsemmi John Bonello jinstab hati, jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1) u (3) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' April 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Bonello hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, ir-regolament 16 ta' l-Avviz Legali 175 tas-sena 2004 u l-artikoli 2 u 25 tal-Kap. 10, ikkundannatu ghal multa ta' €1,164.69 u, a tenur ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tal-hanut in dizamina ghal perijodu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Bonello pprezentat fl-14 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ma setax jinstab hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu ghaliex la mil-ligi u lanqas mill-kundizzjonijiet tal-licenzja ta' l-istabbiliment tieghu ma tirrizulta li hemm xi restrizzjoni, kundizzjoni jew limitazzjoni dwar il-bejgh tax-xorb alkoholiku bhal dawk li qed jinghad li hemm fl-

imputazzjoni; wisq inqas ma jirrizulta dak li ntqal fis-sentenza appellata li kien hemm xi restrizzjoni naxxenti mill-*area* fejn jinsab il-hanut; (2) minghajr pregudizzju, l-unika haga li giet ippruvata sodisfacentement kien illi fil-hanut kellu fliexken ta' xorb alkoholiku mmarkati individwalment bil-prezzijiet u dan ma jfissirx li x-xorb kien ha jigi kkunsmat barra mill-istabbiliment. Inoltre x-xhieda tal-MTA kkuntrastaw lil xulxin fix-xiehda taghhom; (3) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta kienet manifestament eccessiva.

Issa, l-appellant gie akkuzat illi biegh jew ippermetta li jinbiegh alkohol mhux biex jigi kkunsmat fil-post. Skond l-appellant ma tezisti l-ebda restrizzjoni bhal din fil-licenzja tieghu u inoltre d-definizzjoni ta' *bar* skond ir-regolament 2 ta' l-Avviz Legali 175 tas-sena 2004 jghid biss li l-iskop <u>primarju</u> ta' *bar* hu l-bejgh ta' alkohol u xorb mhux alkoholiku li jigi kkunsmat fil-post. Jghid mela li dak mhuwiex l-iskop uniku u difatti l-unika eskluzjoni hi l-offerta ta' ikel bi hlas.

Ir-regolament 2 imsemmi jaghti din id-definizzjoni ta' *bar* :

**"*'bar'* tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel accessibbli ghall-pubbliku u li jipprovdi facilitajiet li toqghod bil-qieghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' alkohol u xorb mhux alkoholiku li jigi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi hlas, skond *standards* kif jidhru fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti."**

Huwa minnu li l-ligi titkellem dwar "skop primarju" izda din il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni ta' l-appellant peress illi fejn il-ligi riedet tfisser li ikel jew xorb seta' ma jigix kkunsmat fuq il-post dan qalitu. Difatti fid-definizzjoni ta' "gabbana" tghid li l-iskop primarju hu l-bejgh ta' ikel u,jew xorb li jigu kkunsmati mhux fil-post" u fid-definizzjoni ta' "snack bar" tghid li l-iskop primarju hu l-bejgh ta' ikel ghall-konsum "fil-post <u>jew f'post iehor</u>".

Barra minn hekk jirrizulta illi l-hanut in kwistjoni huwa desinjat bhala "Bar Second Class". Issa, ir-Regolamenti

dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' Inbid, Birra jew Likuri Spirituzi (Licenzi, Bonordni u Dicenza Pubblika) – Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 kif sussegwentement emendat – jirregolaw stabilimenti bhal dak in kwistjoni, u skond ir-regolament 2, dawk ir-regolamenti "jghoddu biss ghall-hwienet li fihom jinbieghu nbid, birra, jew likuri spirituzi sabiex jinxtorbu fil-hanut stess jew li jinbieghu f'daqsijiet ta' anqas minn flixkun shih" (ara **Il-Pulizija v. Darren Xuereb et**, Appell Kriminali, 13 ta' Novembru 2008). Ghalhekk in-N.G. 392/1929 flimkien ma' l-Avviz Legali 175/2004 ma jistghux jigu interpretati hlief illi minn tali stabbilimenti l-bejgh ta' xorb irid ikun ghall-konsum fuq il-post sakemm, fil-kaz ta' l-alkohol, ma jkunx "f'daqsijet ta' anqas minn flixkun shih".

Fil-kaz in ezami mix-xiehda ta' Jonathan Cuschieri, *assistant manager* ma' l-MTA, jirrizulta illi fit-28 ta' Settembru 2007 kien ma' Andre` Zammit u kienu qed josservaw il-hanut in kwitsjoni. Ix-xhud qal li ra nies hergin b'basktijiet tal-plastic prattikament trasparenti li kienu jikkontjenu fliexken shah ta' alkohol, vodka u varji alkoholici ohra. Dahal fil-hanut ikellem lill-appellant. Fil-hanut seta' josserva li kien hemm fliexken ta' alkohol issigillati fuq l-ixkafef li kellhom prezz fuqhom u l-prezz kien jindika l-prezz ta'flixkun shih u mhux ta' *tot*. In kontro-ezami qal li l-fliexken fil-basktijiet kienu ssigillati u kien ra lill-appellant jaqlaghhom minn fuq l-ixkaffa, idahhalhom fil-basktijiet u n-nies hergin bihom.

Andre` Zammit jikkonferma li ra l-fliexken shah fuq l-ixkafef bil-prezzijiet fuqhom. Qal ukoll li lill-appellant kien diga` kellmu f'okkazjoniiet ohra u spjegalu x'inhi l-ligi u anke tah kopja tal-ligi ghall-avukat tieghu.

Ix-xiehda tar-rapprezentanti tal-MTA ma gietx kontradetta, hija verosimili u turi li l-appellant kien qieghed jikser kondizzjoni li ghaliha hija suggetta l-licenzja tieghu biex jopera l-istabbiliment imsemmi, u dan , kif jinghad fir-regolament 16 ta l-A.L. 175/2004, "irrispettivament minn jekk tkunx saret xi riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenza nnifisha."

Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu michuda.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi din hija eccessiva. Jghid illi filwaqt illi huwa konxju illi l-piena pekunjarja giet erogata fil-minimu stabbilit mil-ligi, jinsab ferm aggravat bl-ordni ta' sospensjoni tal-licenzja ta' l-istabbiliment peress illi kienet eccessivament harxa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dan anke in vista tal-fatt li s-sanzjoni giet applikata mill-ewwel Qorti *ex officio* u mhux fuq talba tal-prosekuzzjoni.

Jigi l-ewwelnett osservat illi l-ewwel Qorti applikat is-sanzjoni minnha mposta billi ezercitat id-diskrezzjoni taghha skond l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma kienx hemm ghalfejn talba esplicita tal-prosekuzzjoni. Issa jirrizulta illi l-appellant sar il-*licensee* tal-fond Quenchers fis-27 ta' April 2007 meta sar it-trasferiment minn fuq Antoinette Borg ghal fuqu (ara licenzja Dok. JC1 a fol. 7). Sfortunatament jidher li l-appellant kien gie indott fil-mizapprensjoni illi seta' jbiegh fliexken shah minhabba licenzji li jidher li kienet thallas qablu Antoinette Borg fejn kien hemm indikat li setghet tbiegh *"wines and spirits by bottle"* (ara per ezempju l-ircevuti datati 9 ta' Jannar 1992 u 24 ta' Awissu 1993 esibiti fil-25 ta' Frar 2009). Jigifieri ghalih kien hemm kontrosens bejn dak li kien irrizulta lilu u dak li kienu qed jghidulu r-rapprezentanti tal-MTA. Id-dokumenti msemmija ma kinux ingabu a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena billi tithassar l-ordni ghas-sospensjoni tal-licenzja tal-hanut.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tal-hanut in dizamina ghal perijodu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza appellata u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------